

Winston L. Zammit

# Aspetti tal-Festa Tagħna Nru 12

## *Is-Sehem tal-Baned*

Aspett importanti ta' kull festa Maltija, ħuwa s-sehem tal-baned, kemm dawk tal-parroċċa u dak ta' postijiet oħra. Is-sehem tagħhom kif se naraw qatt ma naqas fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, bl-eċċezzjoni tas-snin tal-gwerra (1940-1942).

Il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, tbierket u nfetħet fis-26 ta' Ġunju 1881. Il-festa titulari bdiet tiġi ċċelebrata ta' kull sena b'effett mill-1882. Għal din il-festa nsibu li kien hemm is-sehem tal-baned.[1] Fil-festa tas-sena ta' wara 1883 insibu s-sehem ta' żewġ Baned La Valette li daqqet quddiem il-knisja u dik ta' Birkirkara li daqqet fi Triq Rudolfu.[2] Il-Banda La Valette reġgħet ħadet sehem fil-festa ta' l-1886.[3] Mill-1886 nibdew insibu t-twaqqif tal-baned f'Tas-Sliema, bit-twaqqif tal-Banda I Cavalieri di Malta.[4] Din il-banda Slimiża flimkien mal-Banda La Valette ħadu sehem fil-festi ta' l-1887[5], 1888[6], 1889[7], 1891[8] u 1893[9] iżda f'din is-sena minbarra dawn iż-żewġ baned ħadu sehem ukoll xi baned oħra.[10] Fl-1895, jissemmew xi baned[11] iżda wara ma nsibux tagħrif dwar is-sehem tal-baned sa l-1908.



Triq San Ġużepp

Fil-festa ta' l-1908, ħadet sehem filgħodu l-banda Slimiża Queen Victoria li għamlet marc mat-toroq ta' Tas-Sliema[12] filwaqt li filgħaxija ħadu sehem xi baned oħra.[13] Fl-1910 ħadu sehem il-Banda La Valette li esegwiet programm ix-Xatt u l-Banda Vilhena tal-Furjana li daqqet quddiem il-knisja.[14]

Fis-sena ta' wara 1911, saret għall-ewwel darba l-purċissjoni bil-vara titulari, u f'din il-festa ħadet sehem il-Banda La Valette.[15] Iżda fis-sena ta' wara (1912) minbarra l-Banda La Valette, ħadu sehem żewġ Baned oħra Vilhena u San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[16] Fl-1914, minbarra l-Banda La Valette ħadet sehem il-Banda Pinto ta' Ħal Qormi.[17]

### Is-Sehem tal-Banda Sliema

It-tagħrif dwar il-banda huwa skars għall-perjodu 1915-1922. Fl-1923 twaqqfet fil-limiti tal-parroċċa l-Banda Sliema, li fl-istess sena bdiet ir-rabta tagħha ta' kull sena mal-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, billi għamlet marċ il-Ġimgħa ta' qabel il-festa bl-istatwa tal-Papa madwar it-toroq tal-parroċċa. L-għada s-Sibt lejlet il-festa, il-Banda Sliema għamlet marċ u programm, u nhar il-festa għamlet marċ mat-toroq tal-parroċċa.[18] Is-sehem tal-Banda Sliema kompla fis-snin ta' wara.[19] Ma kienx jonqos is-sehem ta' xi baned barranin. Hekk insibu li fl-1938 ħadu sehem diversi baned li flimkien irċevew il-ħlas ta' £25.[20]

Bejn l-1940 u l-1942, minħabba l-gwerra ma kienx hemm sehem tal-baned fil-festa. Iżda fl-1943, reġgħet saret il-purċissjoni bil-vara titulari u ħadu sehem il-Baned Sliema, La Valette u l-Banda tal-King's Own Malta Regiment.[21] Fis-sena ta' wara (1944) ħadu sehem żewġ Baned La Valette u San Ġorġ ta' Ħal Qormi minbarra l-Banda Sliema.[22] Iżda fl-1945, minbarra l-Banda Sliema, ħadu sehem erba' baned oħra li kienu San Ġużepp tal-Ħamrun, San Ġorġ ta' Ħal Qormi, ta' Birkirkara u La Vittoria tal-Mellieħa.[23]

It-tagħrif dwar is-sehem tal-baned


Triq San Trofimu

huwa ftit tassew fis-snin ta' wara, nafu bis-sehem tal-Banda Sliema.[24] Fl-1951 minbarra l-Banda Sliema ħadu sehem erba' baned barranin li kienu La Valette, San Ġorġ ta' Birkirkara u San Ġużepp[25] filwaqt li fl-1960, minbarra l-Banda Sliema, ħadu sehem il-Baned La Vittoria Mellieħa u La Valette.[26]

Fl-1961, il-festa saret b'solennità akbar mis-soltu b'tifkira tal-50 sena ta' l-ewwel purċissjoni bil-vara titulari (1911-1961) u għaldaqstant f'din il-festa minbarra l-Banda Sliema ħadu sehem baned oħra li kienu, San Ġiljan, Stella Maris, tal-Mellieħa, tal-Qrendi u La Valette.[27]

Fis-snin sittin il-Banda Sliema baqgħet bħas-soltu tagħti s-sehem tagħha, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd filgħodu, u kien ikun hemm is-sehem tal-baned barranin il-Ħadd nhar il-festa. Hekk insibu li fl-1967, ħadu sehem il-banda tal-Mellieħa u La Valette[28] filwaqt li fl-1969, ħadu sehem il-Baned La Vittoria (Mellieħa) u San Ġużepp.[29] Is-sehem tal-baned iżda żdied fl-1968, meta fil-festa saret it-tifkira tal-50 sena tat-twaqqif tal-parroċċa.[30] L-istess pattern tkompla fis-snin sebgħin, meta reġgħu ħadu sehem iż-żewġ baned barranin tas-sena ta' qabel[31] u fl-1971 meta fost il-baned li ħadu sehem kien hemm il-Banda 12[th] May ta' Ħaż-Żebbuġ.[32]

Is-sehem tal-baned ħa spinta sewwa fis-snin 90, tas-seklu għoxrin, meta bl-impenn tal-Banda Sliema bdiet tinġab banda barranija kuljum mit-Tnejn sal-Ħamis, filwaqt li s-Sibt filgħaxija lejlet il-festa beda jsir marċ miż-żewġ Baned Sliema u La Valette flimkien. Il-Ħadd filgħaxija baqa' dejjem ikun hemm is-sehem ta' żewġ baned, fosthom il-Banda La Stella ta' Għawdex li ħadet sehem fil-festa għal numru ta' snin.[33]

1 *L'Amico del Popolo*, 20.VI.1882, p.3.
2 *The Malta Standard*, 7.VI.1883.
3 Ibid., 5.VII.1886.
4 Ara W.L. Zammit, *Tas-Sliema fis-Seklu XIX* (KKM 174) 2000, pp.149, 150.
5 *The Malta Standard*, 23.VI.1887.
6 *Malta Corriere Mercantile Maltese*, 11.VII.1888.
7 *Il Risorgimento*, 9.07.1889.
8 *The Malta Standard*, 12.VI.1891.
9 *Il Risorgimento*, 12.VI.1893.
10 *The Malta Chronicle*, 13.VI.1893.
11 *Gazzetta di Malta* CMM, 26.VI.1895.
12 *Malta*, 11.VII.1908.
13 Ibid.
14 *Malta Herald*, 25.VI.1910.
15 *Is-Salib* 8.VII.1911, *Malta* 2.VII.1911.
16 *Malta*, 26.VI.1912.
17 Ibid., 8.VII.1914.
18 W.L. Zammit, R. Zammit, *Soċjetà Filarmonika Sliema 1923-1993* (Malta 1993), p.16.
19 Ibid. p.33, 57.
20 A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) Valletta, Amministrazzjoni Sliema 1937-1942. Esito di Luglio 1938 *Alle Diverse Filarmoniche £25.00*. Ara wkoll *Atti Oriġinali Sliema* Vol. 12 Document 140, fejn insibu li fil-festa ta' l-1933 minbarra l-Banda Sliema ħadu sehem il-Banda La Valette u L'Isle Adam.
21 APPMV Amministrazione Sliema, Esito di Luglio 1943.
22 Ibid. Esito Luglio 1944.
23 Ibid. Esito Guigno 1945.
24 Ara W.L. Zammit, R. Zammit, op. cit. pp. 89, 90.
25 Rendikont tal-festa bid-data 7.VII.1951.
26 Rendikont tal-festa ta l-1960.
27 *Leħen is-Sewwa*, 25.VII.1961.
28 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
29 Ibid.
30 Ibid.
31 Ibid.
32 Ibid.
33 Ara W.L. Zammit u R. Zammit, op. cit p.143, 152.


# KENNEDY
## Salon
by
Tony & Dad

**for Cut & Blow**

**351, Manwel Dimech Str., Sliema • Tel: 2131 6180**

*(Second corner from The Strand)*